**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 10 ta' Ottubru, 2017

Rikors Guramentat numru : 161/11 AL

A B
vs

C sive F B ID 525971 u b'digriet tal-25 ta' Mejju 2012 il-Qorti awtorizzat lil C sive F B sabiex tidher bhala kuratrici ghall-minuri G u R ahwa B

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li permezz tieghu ppremetta :

1. Illi r-rikorrenti u l-intimata zzewwgu fit-12 ta' Settembru elf disa' mija tnejn u disghin (1992), milliema zwieg kellhom zewgt itfal, u cioe' G u R illi illum ghandhom sbatax-il sena u hdax-il sena rispettivament ;
2. Illi l-partijiet huma separati legalment minn ma' xulxin u dana in virtu ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali redatt minn Nutar Dr Marisa Grech datat 24 ta' Lulju tas-

sena 2007, hawn taht anness u mmarkat bhala Dok. DF1 ;

3. Illi skont l-istess kuntratt ta' separazzjoni u senjatament il-klawsoli li jirregolaw il-manteniment, ir-rikorrenti huwa obbligat li jivversa s-somma ta' mitejn tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) fix-xahar ghall-mara (vide klawsola numru 7) u dana sakemm l-istess intimata ma tkunx qed tghix ma ragel iehor illi mieghu jkollha relazzjoni, kif ukoll is-somma ta' mija wiehed u hamsin Ewro u wiehed u erbghin centezmu (€151.41) fix-xahar ghaz-zewgt itfal minuri fuq imsemmija u dana sakemm l-istess tfal jaghlqu l-eta ta' tmintax-il sena jew jibdew jahdmu skont liema eventwalita issehh l-ewwel (ara klawsola numru (ii) fit-Tieni Parti tal-kuntratt ta' separazzjoni) ;
4. Illi fid-19 ta' Novembru 2011, ir-rikorrenti illi kien jizvolgi l-impjieg ta' Food and Beverages Server gewwa l-Hotel Westin Dragonara, wara seba' snin ta' xoghol, safa' mkecci definittiament mill-impjieg tieghu, u dana kif jista' jigi kkonstatat mill-formola tat-terminazzjoni ta' l-impjieg lilu mghoddija hawn taht anness u mmarkata bhala Dok DF2. In effetti, prezentement, ir-rikorrenti fetah proceduri quddiem it-Tribunal Indusrijali kontra l-Westin Dragonara Resorts Ltd. minhabba tkeccija ingunta ;
5. Illi l-qaghda finanzjarja tar-rikorrenti tbiddlet radikalment minhabba din it-tkeccija ingusta tieghu mill-post tax-xoghol b'tali mod illi r-rikorrenti jinsab prezentement finanzjarjament indigenti u jinsab fl-impossiblita illi jhallas il-manteniment impost fuqu fuq il-kuntrfatt ta' separazzjoni. Dana qieghed jinghad peress illi filwaqt li meta r-rikorrenti kien impjegat kien jaqla' bejn €210 u €216 fil-gimgha, kif jirrizulta mill-ahhar zewg FS3 ta' l-impjieg precendenti tieghu ghas-sena 2010 u ghas-sena 2009 hawn taht annessi bhala Dok. DF3 u Dok DF4 rispettivament, illum il-gurnata m'ghandu introjtu ta' xejn ;
6. Illi in oltre, ir-rikorrenit huwa bniedem marid – in effetti huwa afflitt mill-kundizzjoni medika ta' l-epilessija, u cioe' 'primary generalised epilepsy' li ilu jbati minnha sa minn meta kellu tlettax-il sena, liema kundizzjoni ma jistax ifiq minnha izda jista' biss jikkontrollaha billi jiehu medicinali

apposta, u dana kif jista jigi konstatat minn zewg certifikati medici rilaxxjati mit-tobba illi r-rikorrenti jinsab taht il-kura taghhom, senjatament Dr Norbert Vella u Dr Pierre Chircop, kopja ta' liema qed jigu hawn taht annessi u mmarkati bhala Dok. DF5 u DF6 rispettivament ;

7. Illi l-kundizzjoni medika tar-rikorrenti hija tali illi qed tinpedixxi lill-istess rikorrenti milli jsib impjieg iehor sabiex ikun jista' jghajjex lilu nnifsu u jipprovdi ghal martu u ghat-tfal tieghu skont il-kuntratt ta' separazzjoni, u dana peress illi hekk kif jizvela illi ghandu din il-marda, hadd ma jkun irid jimpjegah. Minn naha l-ohra ir-rikorrenti ma jistax jiehu r-riskju illi jonqos milli jinforma lil min jimpjegah fil-futur bil-marda tieghu, u dana peress illi jista' jpoggi hajtu u hajjet in-nies ta' madwaru fil-periklu ;
8. Illi l-intimata, mart ir-rikorrenti ghad ghandha erbghin (40) sena u allura hija kapaci ssib xoghol ghaliha sabiex tkun finanzjarjament indeipendenti mir-rikorrenti ;
9. Illi inoltre fil-kuntratt ta' separazzjoni fuq ndikat fi klawsola (iv) tat-Tieni Parti ta' l-istess kuntratt ir-ragel obbliga ruhu li huwa fl-ebda hin ma jsuq meta jkun mal-minuri. Skont ic-certifikat mediku rilaxxat minn Dr Norbert Vella datat 25 ta' Frar 2010 esebit bhala Dok DF5, l-istess konsulent jiddikjara 'If he (ir-rikorrenti) so wishes, he could also drive a motor vehicle', u ghaldaqstant il-klawsola indikata qed tirrekalu pregudizzju ghaliex tillimitah hafna fil-hinijiet ta' l-access tieghu mat-tfal minuri peress illi ma jista' jmur imkien bihom ;
10. Illi r-rikorrenti gie debitament awtorizzat jipprocedi ghal din il-kawza wara illi tentattivi ghall-medjazzjoni fallew, u dana permezz ta' digriet moghti mill-Imhallef Noel Cuschieri bin-numru 706/11 datat 25 ta' April 2011, hawn anness u mmarkat bhala Dok DF7 ;

**RAGUNI GHAT-TALBA**

11. Illi kif fuq spjegat ir-rikorrenti tilef l-impjieg tieghu u jbati mill-kundizzjoni medika ta' l-epilessija rizultat ta' liema qieghed isibha bit-tqila illi jsib impjieg iehor, u qieghed fis-sitwazzjoni illi ma jistax la jsostni lilu nnifsu u wisq anqas ihallas ghall-manteniment tat-tfal minuri

tieghu u ta' martu skont il-kuntratt ta' separazzjoni tieghu ta' l-24 ta' Lulju 2007 ;

12. Illi inoltre kif fuq spjegat ukoll, il-fatt illi r-rikorrenti huwa obbligat li fl-ebda hin ma jsuq meta jkollu l-minuri mieghu meta skont l-istess tabib li qieghed taht il-kura tieghu, huwa jista' jsuq minghajr problemi, qed tirrekalu pregudizzju ghaliex ma jistax igawdi t-tfal tieghu ampjament ;

**IT-TALBIET**

Talab li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara illi c-cirkostanzi finanzjarji u ekonomici tar-rikorrenti tbiddlu radikalment minn meta gie iffirmat il-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet fl-24 ta' Lulju 2007, u dana ghal ragunijiet indipendenti mill-volonta ta' l-istess rikorrenti;
2. Konsegwentement tordna c-cessjoni jew il-varjazzjoni ta' l-obbligu da parti tar-rikorrenti illi jissomministra manteniment lill-intimata martu ghaliha u ghal uliedhom minuri G u R rispettivament ai termni tal-klawsoli 7 u numru (ii) tat-Tieni Parti tal-kuntratt ta' separazzjoni ta' l-24 ta' Lulju 2007, u li dan ikun b'effett retroattiv mid-data tal-prezentata ta' dan ir-rikors guramentat;
3. Tiddikjara illi ir-rikorrenti kapaci isuq u ma jezizti l-ebda perikolu jekk isuq u konsegwentement tordna illi l-klawsola numru (iv) fit-Tieni Parti tal-kuntratt ta' separazzjoni ta' l-24 ta' Lulju 2007 tigi mhassra;
4. Tinnomina nutar pubbliku sabiex jippubblika l-att korrettorju relattiv kif jigi ordnat minn din il-Qorti in vista tat-talbiet precedenti u kuratur sabiex jirrapprezenta l-eventwali kontumacja ta' l-intimata;

Bl-ispejjez kontra l-intimata illi hija minn issa ingunta in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta, li permezz taghha eccepiet : fol. 25

1. Illi preliminarjament, ladarba t-talbiet fir-rikors promotur jikkoncernaw ukoll lill-minuri G u R ahwa B, ghall-integrita' tal-gudizzju dawn iridu jkunu wkoll parti fil-kawza odjerna.

2. Illi fil-mertu, hawn si tratta tal-principju 'pacta sunt servanda'. Dak li ftehmu l-partijiet fil-kuntratt ta' separazzjoni anness mar-rikors promotur m'ghanudx jigi disturbat semplicement ghax l-attur ihoss li hemm cirkostanzi godda.

3. Illi di fatti l-attur fir-rikors promotur qed isostni illi huwa marid. Dan huwa fatt li kien ben konsapevoli tieghu anke fid-data tal-kuntratt ta' separazzjoni, tant li ghamel provvedimenti apposta sabiex jigu salvagwardjati t-tfal waqt li jkollu l-access ghalihom, bhal per ezempju li ma jsuqx waqt li jkun mat-tfal. Din ghalhekk kienet kundizzjoni illi mhux biss kien jaf biha, izda kienet ilha mieghu, skond ir-rikors promotur stess, sa minn mindu kellu tlettax-il sena. Ghalhekk m'hemm xejn gdid. Ma jistax issa juza din il-kundizzjoni biex jghid li ghandu jsir tnaqqis jew tnehhija tal-manteniment.

4. Illi mhuwiex daqstant car x'kienet ir-raguni ghalfejn intemm l-impjieg ta' l-attur mal-Westin Dragonara Hotel. Li hu zgur hu li skond il-formola ta' terminazzjoni li prezenta huwa stess, hemm indikat illi gie 'dismissed'. Jista' jaghti l-kaz ghalhekk illi l-attur gie mkecci ghal tort imputabbli lilu.

5. Illi f'kull kaz mhuwa minnu xejn illi l-attur huwa indigenti finanzjarjament, u dan kif se jigi ppruvat fil-kors tal-kawza.

6. Illi l-attur qed isostni illi l-kundizzjoni medika tieghu qed timpedieh milli jsib impjieg iehor. Dan mhuwa minnu xejn. Kif ser jirrizulta fil-kawza, u anke kif dikjarat fic-certifikat tat-tabib tieghu stess anness bhala Dok. DF 5 (a tergo) mar-rikors promotur, l-attur kapaci jaghmel xoghlijiet ohra, fosthom bhala waiter.

7. Illi dwar it-talba sabiex titnehha l-klawsola (iv) fit-tieni parti tal-kuntratt ta' separazzjoni, u cioe' dik il-klawsola li tghid li l-attur ma jistax isuq waqt li jkun mat-tfal, il-konvenuta bil-qawwa kollha topponi ghal din it-talba, ghaliex kif anke se jigi ppruvat fil-kawza, is-sewqan ghall-attur ghadu attivita' perikoluza. Kif qal hu stess ghadu jbati mill-kundizzjoni medika tieghu, li tista' twasslu ghal accidenti koroh bil-karozza, kif fil-fatt gia' ghamlet.

8. Illi f'kull kaz, ghandu jkun kunsidrat kull dhul iehor li l-attur jista' ghandu, fosthom beneficci ghall-qghad, u xi beneficci ohra mid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali.

Salvi, jekk ikun il-kaz, risposti jew eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-attur minn issa ingunt in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

Rat l-affidavits tal-partijiet u d-dokumenti minnhom esebiti partikolarment iċ-ċertifikati mediċi ppreżentati mill-partijiet;

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia;

Rat illi permezz ta' digriet mogħti fl-udjenza tal-25 ta' Mejju 2012, il-Qorti laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta billi awtorizzatha sabiex tidher bħala kuratriċi *ad litem* għall-imsemmija uliedha. B'hekk l-ewwel eċċezzjoni, li kienet waħda ta' natura preliminari, ġiet sorvolata.

Rat illi l-kawża ġiet differita għal-lum għas-sentenza bil-fakolta` tan-noti.

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi l-Qorti għandha quddiemha kawża bejn il-partijiet li huma ġja legalment separati bis-saħħa ta' kuntratt ta' separazzjoni personali, fl-atti tan-Nutar Dottor Marisa Grech, iddatat l-24 ta' Lulju 2007[1].

L-attur qiegħed jipproċedi bil-kawża odjerna għall-varjazzjoni tal-kuntratt tas-separazzjoni viġenti bejn il-partijiet, partikolarment dawk l-Artikoli illi jirregolaw id-dmir tiegħu illi jivversa manteniment lil martu, sija għaliha u sija wkoll għal uliedhom minuri.

Il-**fatti** tal-kawża, fil-qosor huma s-segwenti:

(a) Il-koppja B żżewġu fit-12 ta' Settembru 1992 fil-Knisja Parrokkjali taż-Żejtun, u minn dan iż-żwieġ twieldu żewġ ulied, G, illum maġġorenni, u R li llum għandu erbatax-il sena;

(b) Huma nfirdu bis-saħħa ta' kuntratt ta' separazzjoni personali, fl-atti tan-Nutar Dottor Marisa Grech, iddatat l-24 ta' Lulju 2007, (iktar 'il quddiem ser ikun imsejjaħ "il-kuntratt") fejn rigward il-manteniment bejn il-partijiet intqal hekk:
*"7. Dwar il-manteniment, il-komparenti jaqblu li r-Raġel għandu jissoministra mitt Lira Maltin (Lm100.00) ekwivalenti għal mitejn tnejn u tletin Ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) fix-xahar lill-Mara bħala manteniment għaliha, u dan sakemm l-istess Mara ma tkunx qed tgħix more uxorio ma' raġel ieħor illi miegħu ikollha relazzjoni."*

Fir-rigward tal-manteniment tal-ulied, il-partijiet ftiehmu:
"*ii. Ir-Raġel jobbliga ruħu li jivversa lill-Mara għall-imsemmija minuri manteniment ta' ħamsa u sittin Lira Maltin (Lm65.00) ekwivalenti għal mija u wieħed u ħamsin ewro u wieħed u erbgħin ċenteżmu (€151.41) fix-xahar, liema manteniment jitħallas nofs kull wieħed għaż-żewġ minuri sakemm dawn jagħlqu tmintax (18) –il sena jew sakemm jibdew jaħdmu full-time, skond liema minnhom tiġi l-ewwel... Il-partijiet jaqblu ulterjorment illi l-ispejjes ta' edukazzjoni u ta' saħħa tal-minuri għandhom jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet*"

[1] Kopja tal-istess kuntratt hija esebita fol. 5

*(c)* L-attur qiegħed jitlob ukoll il-varjazzjoni tal-klawżola (iv) tat-Tieni Parti tal-Kuntratt illi tistipula *"Ir-Raġel jobbliga ruħu li huwa fl-ebda ħin ma jsuq meta jkun mal-minuri."*

(d) Illi fid-19 ta' Novembru 2010, l-attur safa mkeċċi mill-impjieg tiegħu mal-Westin Dragonara Resort fejn huwa ġie "*dismissed"* mix-xogħol tiegħu ta' *Food and Beverage Server*[2], liema xogħol kien ilu jagħmel mill-1 ta' Lulju tas-sena 2000 u cioe għaxar snin.

(e) Fit-18 ta' Frar 2011, l-attur talab l-awtorizzazzjoni tal-Qorti sabiex jipproċedi għall-medjazzjoni flimkien ma' martu. Il-medjazzjoni ma seħħitx u għaldaqstant l-attur ipproċeda bil-kawża odjerna.

L-attur jallega illi t-tkeċċija tiegħu mill-Impjieg kienet waħda inġusta u għaldaqstant fetaħ proċeduri quddiem it-Tribunal Industrijali fil-konfront ta' Westin Dragonara Resort.

Jallega wkoll illi huwa afflitt mill-kundizzjoni medika tal-epilepsija li ilu jbati minnha minn meta kellu tlettax-il sena, liema kondizzjoni ma jistax ifiq minnha iżda biss jikkontrollaha permezz tal-mediċini. Illi minħabba l-istess kondizzjoni, huwa ma jistax isib impjieg ieħor sabiex jista' jgħajjex lilu nnifsu u lil martu u wliedu.

Il-konvenuta topponi t-talbiet tal-attur u tinvoka l-prinċipju tal-*Pacta Sunt Servanda.* Tinsisti li l-attur kien ben konsapevoli dwar il-marda tiegħu meta kienu ffirmaw il-kuntratt tas-separazzjoni u kien għalhekk li fl-istess kuntratt ipprovdew illi huwa ma kellux isuq meta t-tfal ikunu miegħu. Tallega li huwa seta' safa mkeċċi mix-xogħol ħtija tiegħu u li fi kwalunke każ huwa jista' jsib xogħol ta' wejter post'ieħor. Tgħid illi l-Qorti għandha tikkonsidra l-benefiċċji li huwa possibilment qiegħed jipperċepixxi fosthom xi benefiċċju tal-qgħad.

PROVI MIĠJUBA

[2] Dokument tat-Tmien tal-Impjieg fol.12

L-**attur** ippreżenta ċertifikat[3] redatt minn Dr. Norbert Vella Consultant Neurologist, iddatat il-25 ta' Frar 2010, fejn dana jikkonferma illi l-attur isofri minn Primary Generalised Epilepsy u ilu jbati mill-istess kondizzjoni mill-eta` ta' tlettax-il sena. Il-kondizzjoni hija kkontrollata tajjeb bil-mediċinali tant illi l-pazjent sofra minn *seizure* f'Jannar 2009 meta qabeż xi dożi tal-mediċini, u qabel dak, xi sentejn jew tlieta qabel. Huwa jistqarr illi *"Mr. B is fit to work as a waiter. If he so wishes, he could also drive a motor vehicle. He has been advised to avoid potentially perilous situations. He is to continue to take his anticonvulsant medications and avoid sleep deprivation"*

Meta xehed iktar tard[4], il-konsulent **Dr. Norbert Vella** ikkonferma illi l-attur kien għadu taħt il-kura tiegħu minħabba l-fits. Qal li huwa jista' jaħdem, għalkemm mhux kull tip ta' xogħol bħalma huwa *crane driver* jew *engine driver*. Wejter jista' jagħmlu għax fl-agħar ipotesi, huwa jista' jwaqqa' l-gabarré. Ikkonferma li l-kondizzjoni tal-attur tirrikadi u m'hemmx fejqan għaliha, għalkemm l-attur jieħu l-mediċinali biex inaqqas il-frekwenza tal-fits iżda mhux jeliminawha.

Permezz tal-affidavit tiegħu[5], l-**attur** spjega illi meta ffirma l-kuntratt tas-separazzjoni huwa kellu impjieg regolari fit-Terrace Restaurant tal-Westin Dragonara Resort. Minn dan l-impjieg, huwa kien jaqla' s-somma netta fl-inċirka ta' €820 kull xahar u dana skont ma jirriżulta mill-FS3s għas-snin 2009 u 2010 minnu esebiti.[6] Illi għalhekk huwa seta' jħallas il-manteniment skont il-ftehim. Jinsisti li huwa dejjem onora l-obbligi tiegħu minkejja li uliedu ma żammewx kuntatt miegħu. Fid-19 ta' Novembru 2010, huwa safa mkeċċi mill-post tax-xogħol, liema tkeċċija tenut kont li jallega li kienet inġusta, ikkontestaha fit-Tribunal Industrijali. Kien biss f'Marzu 2011 li beda jirċievi xi benefiċċji li gradwalment telgħu għas-somma ta' €71.57 fil-ġimgħa[7]. Dan l-introjtu huwa €1.49 ikbar mill-ammont ta' €308.65 li għandu jħallas lil martu kull xahar bħala manteniment. Iktar tard huwa kkwalifika għall-benefiċċju tal-Mard ammontanti għal €73.92 kull ġimgħa[8]. Mit-8 ta' Marzu 2014, l-attur beda jirċievi il-pensjoni tal-

---

[3] Fol. 15

[4] Fis-seduta tat-22 t'April 2013, miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia, fol. 398.

[5] Fol. 35

[6] Fol. 13 u 14 Minn €11,320 gross naqqas €423 taxxa u €1,093 kontribuzzjonijiet tas-sigurta soċjali li jħalli l-ammont annwali ta' €9,804.

[7] Skond kif jirriżulta mid-dokumenti li jinsabu fol. 50 et. seq tal-proċess

[8] Fol. 468

invalidita[9] wara li applika quddiem Bord Mediku. Din il-pensjoni tammonta għal €132.63 fil-ġimgħa u €135.19 bonus kull sitt xhur. Kull sena togħla skond il-budget.

Fl-affidavit tiegħu, jkompli jgħid illi huwa sab diffikolta` kbira biex isib impjieg ieħor minħabba l-kondizzjoni medika tiegħu. Jispjega li huwa fil-passat dejjem ħadem[10] minkejja l-kondizzjoni tiegħu, iżda dan għamlu billi ħalla l-verita` dwar il-kondizzjoni tiegħu mistura. Qal li meta sefa mkeċċi għamel ħiltu kollha biex isib xogħol ieħor iżda ma kellux suċċess. Ipprova bħala *cleaner*, ġewwa *carwash*, ġewwa l-fabbriki tad-Denim u r-Rimus, u Filletti Restaurant u wkoll Al Fresco Restaurant. Kull ġimgħa, jattendi l-*job centre* tal-Birgu biex jara jekk isibx xi ħaġa.

Jgħid illi huwa baqa' jħallas lil martu dak dovut lilha sa Mejju 2011 billi rrikorra għal ftit flus li kellu mfaddlin. Jgħid li meta dawn spiċċaw u lil martu ma tahiex iktar manteniment, din bdiet tfittxu kriminalment għaliex *"hi ma tridx tifhem u anzi tatni x'nifhem illi ser tkompli tagħmilli ħajti diffiċli."* Huwa nstab ħati kriminalment talli m'għaddiex manteniment lil martu diversi drabi fosthom b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali iddatata is-26 t'Ottubru 2011[11], oħra ddatata 21 ta' Marzu 2012[12] u oħra ddatata it-30 ta' Jannar 2013[13].

Dwar l-inibizzjoni tiegħu milli jsuq fil-preżenza t'uliedu, jgħid illi huwa qatt ma kellu problemi fis-sewqan minħabba l-kondizzjoni tal-epilepsija. Jgħid li martu qabel ma sseparaw, qatt ma kellha problemi li huwa jsuqhom u qalgħetha biss meta ġew biex jisseparaw. Jispjega illi din il-klawżola qed tarrekalu preġudizzju stante illi waqt l-aċċess m' ibnu ma jista' jieħdu mkien, ħlief iż-Żejtun stess fejn joqgħod jippassiġġa miegħu.

Wara li ġie eżaminat mit-tabib tal-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ, mit-22 ta' Marzu 2012, ir-rikorrenti ġie permanentement

---

[9] Xhieda ta' **Ivan Cilia**, rappreżentant tad-Dipartiment tas-Sigurta` Soċjali, mogħtija fis-seduta tat-22 ta' Settembru 2014 miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia, fol. 472.
[10] Dan huwa korraborat mill-*employment history* tal-attur ippreżentata minn **Brenda Vella**, rappreżentant tal-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ fis-seduta miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia fit-28 ta' Mejju 2012, fol. 73
[11] Kopja legali tas-sentenza hija esebita fol. 422,
[12] Kopja legali tas-sentenza hija esebita fol. 424,
[13] Kopja legali tas-sentenza hija esebita fol. 426

irreġistrat mal-istess Korporazzjoni bħala persuna b'diżabilita` permanenti.[14] [15]

Illi sa mit-2 ta' Lulju 2012, il-Qorti kienet qed tiġi nfurmata illi l-attur jinsab rikoverat fl-Isptar Monte Carmeli.[16] Illi miċ-ċertifikati mediċi esebiti, rriżulta illi l-kondizzjoni tal-attur iddeterjorat fis-sens illi oltre l-epilepsija, huwa beda jbati wkoll minn *"chronic affective disorder with recurrent severe depressive episodes."*[17]

Huwa esebixxa ċertifikat mediku[18] rilaxxat mill-Konsulent Psikjatriku Dr. Joseph F. Spiteri, iddatat l-1 ta' Frar 2014 fejn huwa kkonferma illi l-attur ibati minn *"major depressive disorder with underlying schizo-affective traits. He has been hospitalised at Mount Carmel Hospital as he could not cope in the community... He shows give up complex with frequent death wishes..."* Ċertifikat ieħor iddatat il-15 t'April 2014[19], jiddiskrevih li qiegħed ibati minn *"severe psychiatric illness"*. Jirrapporta illi l-frekwenza tal-fits żdiedet għal erbgħa fil-ġimgħa, li flimkien mal-istat mentali tiegħu ħallewh *"unfit for gainful employment"*.

L-istess konsulent Psikjatriku **Dr. Joseph Spiteri** xehed[20]: *"peress li t-trattament, il-kondizzjoni psikjatrika (schizo) u mediċi (epilepsija) jaffettwalu l-personalita` u l-imġieba tiegħu, jien ħadt l-inizjattiva li minbarra kura medika u psikoloġika applikajt għan-nom tiegħu biex joħroġ bord, liema applikazzjoni ġiet aċċettata. Ir-raġuni li hu unfit for work hi relatata mal-fatt li l-epilepsija mhux kontrollata sew. ..Is-sintomi tad-depression qed jikkawżawlu distress fil-funzjoni u mġieba tiegħu li ma jistax jittollera kwalunkwe forma ta' xogħol....Anke ħsibijiet ta' suwiċidju jkun hemm....Ma nirrekomandax li hu għandu jsuq"*

Mill-1 t'April 2014, huwa beda jirrisjedi f'dar San Ġużepp, il-Marsa, ġestita mill-Fondazzjoni Suret il-Bniedem.[21] Huwa kien obbligat

---

[14] Skond ir-rikors tal-attur tat-2 ta' Mejju 2012. Fol. 47 et. seq.
[15] Ċertifikat esebit fol. 53
[16] Fol. 88, 407,
[17] Ċertifikat maħruġ mill-Isptar Monte Carmeli ddatat il-25 ta' Novembru 2013, fol. 460. (oriġinal fol. 508)
[18] Fol. 458 (oriġinal fol. 509)
[19] Fol. 455 (oriġinal fol. 510)
[20] Xhieda mogħtija fis-seduta tat-22 ta' Settembru 2014 miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia, fol. 473.
[21] Skond kif jirriżulta mid-Dokument esebit fol. 456

jivversa is-somma mensili ta' €209.10 bħala kontribuzzjoni lir-Residenza. Mill-affidavit ta' oħtu **Carmen Dhifaoui B**[22], irriżulta illi ma damx wisq jgħix fir-residenza għaliex il-mediċini m'ingħatawlux sew u tawh żewġ ħass ħażinijiet li kaġun tagħhom reġa spiċċa l-isptar Mater Dei u sussegwentement l-isptar Monte Carmeli. Illum huwa jgħix mal-istess oħtu Carmen[23]. Din ma teħodlux flus għall-ħajja u mediċini jagħtih kollox il-Gvern.

Dwar is-sitwazzjoni finanzjarja tal-attur, il-konvenuta ssostni[24] li meta l-partijiet isseparaw, huma biegħu id-dar matrimonjali u kull parti rċeviet is-somma ta' madwar €60,000. Inoltre tallega, illi minkejja li l-attur jinkassa l-benefiċċju tal-qagħad, m'hijiex konvinta li ma jagħmilx xi tip ta' xogħol. Hija tinsisti li żewġha jipprova jpinġi ruħu ta' miskin iżda jsuq karozza sportiva u għandu l-flus biex ibiddillha l-lewn tagħha bi spray ġdid.[25] Minkejja dan allegat mill-konvenuta, irriżulta illi l-attur m'għandu l-ebda karozza fit-triq. Wara s-separazzjoni tal-partijiet huwa ma kellux f'ismu għajr mutur illi ġie skrappjat fit-13 ta' Ġunju 2012[26].

Mill-istatements bankarji esebiti, jirriżulta illi bejn Diċembru 2006 u Jannar 2007, u cioe fil-perjodu meta l-partijiet isseparaw, l-attur iddepożita fil-kont bankarju tiegħu miżmum mal-HSBC Bank Malta p.l.c. innumerat 047-046800-050[27], is-somma globali ta' Lm23,750 ekwivalenti għal €55,322. Sa Jannar 2011, u cioe qabel ma ntavola dawn il-proċeduri, huwa ħa ħsieb li jiżbanka t-tfaddil tiegħu kollu[28] u wkoll id-depożiti fissi[29]. B'kollox huwa żbanka f'dan il-perjodu qrib it-tletin elf Ewro (€30,000).

Illi l-konvenuta, meta rċeviet aħbar il-kawża odjerna, wkoll ħadet ħsieb illi tiżbanka t-tfaddil tagħha kollu u wkoll id-depożiti fissi u f'Ġunju 2011 ġibdet qrib l-erbgħin elf Ewro (€40,000)[30].

---

[22] Fol. 529

[23] Ikkonfermat fix-xhieda tiegħu in kontro-eżami , fis-seduta miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia fis-26 ta' Jannar 2017 , fol.736

[24] Risposta tal-konvenuta tal-14 ta' Mejju 2012, fol. 55, għar-rikors tal-attur tat-2 ta' Mejju 2012

[25] Risposta tal-konvenuta tal-24 ta' Ġunju 2013, fol. 433, għar-rikors tal-attur tat-28 ta' Mejju 2013

[26] Kif jirriżulta mix-xhieda mogħtija minn **Karin Cremona**, rappreżentant ta' Transport Malta, fis-seduta tat-13 ta' Lulju 2015 miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia, fol. 650.

[27] Dokument HSBC 4, Fol. 168

[28] Dok HSBC 2 fol. 153, Dok. HSBC 4 fol. 167, Dok. HSBC 5 fol. 188

[29] Dok. HSBC 3 fol. 165, Dok. HSBC 6 fol. 195; dok. HSBC 7 fol. 199

[30] Dok. HSBC 13 fol. 305 u Dok. HSBC 18 fol. 378

Jirriżulta mid-dokument bankarji[31] illi l-konvenuta tirċievi benefiċċji soċjali illi jammontaw għall-inċirka ta' €550 kull xahar, oltre xi bonuses perjodiċi u ċ-*children's allowance*.

Permezz tal-affidavit tagħha[32], il-**konvenuta** tixhed li hija qatt qabel iż-żwieġ ma kienet taf li żewġha jbati bil-kondizzjoni tal-epilepsija. Tispjega li hija għandha problema f'daharha li żviluppat fi *slip disc* gravi. Tgħid li l-attur kien magħha għand it-tobba meta qalulha li tista' tispiċċa ġos-siġġu tar-roti. Minħabba din il-kondizzjoni, hi ma tistax taħdem bi qligħ. Tgħid li meta żewġha ffirma l-kuntratt tas-separazzjoni huwa kien fi stat normali u kien qed jiġi assistit minn avukat.

Tixhed li wara li biegħu id-dar, l-attur irċieva s-somma ta' madwar Lm25,000. Kien jgħix ma' missieru u jaħdem ukoll. Ma kellux spejjeż ta' kera u minkejja dan jgħid li spiċċa b'xejn. Tinsisti li baqa' jidher isuq karozza lussuża u li probabbilment, bħal dejjem, flusu użahom għall-karozzi u għal-logħob tal-*playstation*.

Dwar it-tmiem tal-impjieg tiegħu, issostni li A kien tkeċċa għax qabduh jaħdem post ieħor meta suppost li hu kien bis-*sick leave*, u ma tkeċċiex għax ibati mill-epilepsija bħalma jallega l-attur. Fil-fatt, it-Tribunal Industrijali ma tahx raġun. Tgħid illi fir-rigward tal-manteniment, l-attur baqa' ma ħallasha xejn, lanqas imqar parti milli kellu jagħti.

Hija toġġezzjona li jsuq bit-tfal minħabba r-riskju li tagħtih xi fit ħabta u sabta.

Mill-affidavit ta' **G B**[33], bint il-partijiet, din issostni illi missierha l-flus dejjem użahom għalih għall-karozzi u għal-logħob tal-*playstation*[34]. Tgħid illi ommha meta setgħet ħadmet, imma meta ħarġitilha l-marda tal-iscoliosis f'daharha ma setgħetx tagħmel dan. *"pero` dejjem rat kif għamlet biex titmagħna u żżommna bħal ħaddieħor. Lanqas qatt ma nafha xtrat flokk jew qalziet għaliha."*

---

[31] Dok HSBC iii, fol.567 et. seq

[32] Fol. 731

[33] Fol. 734

[34] Effettivament mill-istatments tal-Visa tal-attur, fol. 550, jirriżulta li dan kellu standing order ma' World of Warcraft Scunthorpe u/jew Blizzard Entertainment Scunthorpe ta' €12.99 kull xahar.

Il-konvenuta produċiet bħala xhud lil **Michelle Fenech Seguna**[35], Director Human Resources fil-Westin Dragonara Resort. Dina spjegat li l-attur kien tkeċċa minn magħhom minħabba mġieba ħażina. Hija sostniet illi t-Tribunal Industrijali kien tahom raġun.[36]

Ipproduċiet ukoll lil **Dr. Jason Bonnici**[37] illi ilu tabib tagħha għal tnax-il sena. Jgħid illi lill-konvenuta dejjem jafha tilmenta bl-uġigħ f'darha u li dan dejjem jiżdied. Spjega illi l-kondizzjoni tagħha tissejjaħ Discopathy u għandha slip disc ta' daqs moderat bejn it-tielet u r-raba' rukkell kif jirriżulta mir-riżultati tal-MRI[38]. Jgħid li hija ma tistax tagħmel xogħol manwali u waqfien u għalhekk ma jistax jimmaġina liema xogħol huwa tajjeb għaliha.

## PRINĊIPJI LEGALI

Illi din il-kawża tqanqal diversi prinċipji legali għall-analiżi ta' din il-Qorti.

L-ewwel minnhom huwa l-applikazzjoni tal-prinċipju legali *pacta sunt servanda* għall-każ odjern. Issir referenza għall-Artikolu 992 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid hekk: "(1) ***Il-kuntratti magħmula skont il-liġi għandhom saħħa ta' liġi għal dawk li jkunu għamluhom***. (2) ***Dawn il-kuntratti ma jistgħux jiġu mħassra ħlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew għal raġunijiet magħrufin mil-liġi***".

Ai termini tal-istess Artikolu, qed issir referenza wkoll għall-ġurisprudenza relattiva għall-prinċipju hawn fuq imsemmi, fosthom:

- Grace Spiteri vs. Carmel sive Lino Camilleri et[39] fejn ġie ritenut li "*Il-prinċipju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali għandu jiġi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espress…li kellha tipprevali u trid tiġi osservata. Pacta sunt servanda*";

---

[35] Fis-seduta miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia fid-19 ta' Jannar 2016, fol. 679
[36] Kopja tal-istess deċiżjoni m'hijiex in atti.
[37] Fis-seduta miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia fis-27 ta' Ottubru 2016, fol. 717
[38] Fol. 719a.
[39] deċiża nhar it-30 ta' Mejju 2002, mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

- Eric Schembri et nomine vs. Lewis Baldacchino [40] u Frank Salt Real Estate Limited vs. Edward Anthony Ellul Sullivan pro. et noe[41] fejn ġie ritenut li "*strettament u korrettement interpretat, b'dan il-provvediment il-liġi tenfasizza l-kunċett illi dak il-kuntratt ma jistax jiġi riżolut, in linea ta' prinċipju, bis-sempliċi volonta' unilaterali u ta' xi parti kontraenti, u in effetti, l-istess provvediment jissokta jipprovdi illi l-kuntratt ma jistax jiġi mħassar ħlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet jew għal raġunijiet magħrufin fil-liġi*".

Minn dana jirriżulta illi l-kuntratti jistgħu jiġu mħassra biss jew bil-kunsens taż-żewġ partijiet, li fil-każ odjern ma jirriżultax, jew inkella għal raġunijiet magħrufin fil-liġi.

Il-Qorti tirreferi għall-Artikolu 54 tal-Kodiċi Ċivili[42] tagħna, illi fis-sub-inċiż 9 jistipula:

> *(9) Meta jkun hemm tibdil li jiġri wara fil-mezzi tal-parti responsabbli għall-manteniment jew il-bżonnijiet tal-parti l-oħra, il-qorti tista', fuq it-talba ta' kull waħda mill-partijiet, tordna li dak il-manteniment jinbidel jew jitwaqqaf skont il-każ.*

Illi l-għoti tal-manteniment bejn il-konjuġi huwa dejjem suġġett għall-mezzi u l-bżonnijiet taż-żewġ partijiet u dan skont kif jistipula l-Artikolu 3 tal-Kodiċi illi jgħid:

> ***3.*** *Il-partijiet fiż-żwieġ għandhom l-obbligu, kull waħda minnhom skont il-mezzi u l-ħila tagħhom, li jaħdmu kemm jekk fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinħtieġu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u li jikkontribwixxu għall-ħtiġiet tal-familja.*

Illi għalhekk jirriżulta, illi bis-saħħa tas-sub-inċiż preċitat, teżisti raġuni magħrufa fil-liġi għall-varjazzjoni ta' klawżola kuntrattwali li tirregola l-manteniment bejn il-miżżewġin u din ir-raġuni hi "tibdil li jiġri wara fil-mezzi tal-parti responsabbli għall-manteniment."

---

[40] deċiża nhar il-11 ta' Novembru 1997, mill-Onorabbli Qorti tal-Appell

[41] deċiża nhar it-8 ta' Jannar 2010, mill-Onorabbli Qorti tal-Appell

[42] Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta

Illi minkejja li dak li jkun miftiehem bejn il-partijiet għandu forza ta' liġi u ma jinbidilx daqstant faċilment, il-liġi tipprovdi għal ċirkostanzi bħal din odjerna, fejn parti tħoss li hemm lok għat-tnaqqis tal-manteniment minnu mħallas, u dana permezz tal-Artikolu 21 tal-Kodiċi Ċivili illi jistipula: ***"21. (1) Meta min jagħti l-manteniment jiġi fi stat li ma jkunx jista' jagħti aktar il-manteniment kollu jew biċċa minnu, hu jista' jitlob li jkun meħlus mill-obbligu tiegħu jew li tkun imnaqqsa s-somma tal-manteniment, skont ma jkun il-każ."***

Illi dwar il-possibilita ta' bdil ta' manteniment, fil-kawża Brigitte Vella vs. Richard Vella[43], il-Qorti tal-Appell mingħajr ebda tlaqliq ippronunċjat illi meta jkun hemm bdil fiċ-ċirkustanzi, ikun hemm lok li parti titlob lill-Qorti sabiex tirrevedi l-manteniment pagabbli anke meta l-istess manteniment ikun ġie stipulat permezz ta' sentenza ta' Qorti tal-Appell. Il-Qorti tal-Appell, f'dak il-każ, ma laqgħetx l-aggravju tal-appellant illi biex varjat il-manteniment, din il-Qorti kienet biddlet sentenza tal-Qorti tal-Appell, liema sentenza skont l-appellant, kellha sservi għall-kumplament tal-ħajja tal-partijiet għaliex ipprovdiet fost affarijiet oħra għaż-żieda tal-manteniment skont l-għoli tal-ħajja u anke ddeċidiet li l-attriċi kellu jkollha dritt għal manteniment, independentement jekk tkunx impjegata jew le. Il-Qorti tal-Appell iddikjarat: *"Din il-Qorti ma taqbilx ma' din il-pożizzjoni għaliex l-Artikolu 54 (9) fuq imsemmi jipprexxindi minn dan kollu. Jekk jiġu pruvati bdil fil-mezzi tal-parti li għandha l-obbligu li tħallas il-manteniment jew tal-persuna li għandha dritt tirċevieh, tista' ssir talba lill-Qorti għar-reviżjoni u dan joħroġ ċar wisq mill-artikolu msemmi biex iħalli lok għal dubju. Għalhekk dan l-aggravju huwa miċħud. Kif qalet l-ewwel Qorti, kien hemm bdil fiċ-ċirkostanzi tal-partijiet li jwasslu anke lil din il-Qorti tikkonkludi li kien hemm bdil fil-mezzi addirittura taż-żewġ partijiet biex il-manteniment jiġi rivedut skont l-Artikolu 54 (9)."*

Illi dwar il-manteniment tal-konjuġi u tal-ulied meta wieħed mill-konjuġi jsib ruħu diżokkupat, sar apprezzament tajjeb ta' dawn iċ-ċirkostanzi fil-kawża fl-ismijiet Joanna Tabone pro. et noe. vs. Jesmond Tabone[44] fejn oltre li tat il-fehma tagħha, il-Qorti siltet il-ġjurisprudenza relevanti. Intqal:

---

[43] Deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Frar 2015 (Rikors Ġuramentat: 285/2008)

[44] Deċiża fit-3 t'Ottubru 2003 (Ċitazzjoni Numru 545/1996PS)

*L-osservazzjonijiet li neċessarjament jokkorru minn evalwazzjoni tal-provi fuq dan l-aspett huma dawn:-*
*a) "Id-diżokkupazzjoni mhix motiv biex teħles lir-raġel mill-obbligu ta' l-alimenti lejn martu, speċjalment, imbagħad, meta dik id-diżokkupazzjoni tkun kolpuża" –*
*"**Antonia Mifsud –vs- Alfonso Mifsud**", Prim' Awla, Qorti Ċivili, 26 ta' Ġunju 1954;*

*b) "hu veru li l-liġi ċivili ma tisforza lil ħadd mill-miżżewġin biex imur jaħdem bilfors pero` hu daqstant veru li l-liġi ċivili timponi fuq l-konjuġi l-obbligu li jipprovdu manteniment reċiproku lil xulxin u manteniment għall-ulied. F'adempiment ta' dan l-obbligu l-konjuġi huma mistennija mil-liġi illi jipprovdu l-mezzi, bħala regola mix-xogħol tagħhom, biex ma jħallux lil min jiddependi minnhom għall-manteniment, nieqes mill-bżonnijiet essenzjali ta' kuljum. Sa kemm wieħed jista' liberament jikkonsidra li tali obbligu kien ifisser illi min kien obbligat kellu bilfors jipprovdi l-mezzi u konsegwentement kellu bilfors jaħdem la ma kellux fondi oħra mnejn jagħmel tajjeb għal tali obbligu" – "**Joanne Pelham proprio et nomine –vs- Keith Pelham**", Appell, 9 ta' Novembru 1998;*

*c) Minn naħa l-oħra l-Qorti ma tistax tinjora l-fatt illi preżentement u rebus sic stantibus, il-konvenut qiegħed jirċievi l-minimu ta' l-assistenza soċjali u allura ma kellux mezzi suffiċċjenti la biex jgħix hu nnifsu u lanqas biex imantni lil ħaddieħor.*

*Naturalment pero` l-Qorti ma tistax tinjora l-fatt ta' l-obbligu vestit mil-liġi fil-konvenut biex anke fl-istat attwali huwa jivversa persentaġġ minn dak li jipperċepixxi. "Persentaġġ li qed jiġi stabbilit in omaġġ tal-prinċipju li l-parti li tkun ħatja fiż-żwieġ kellha tipprovdi għall-manteniment tal-parti l-oħra" ("**Genoveffa Magri – vs- Joseph Magri**", Appell, 6 ta' Ottubru 2000);*

*Fiċ-ċirkostanzi prevalenti għalhekk il-konvenut għandu jgħaddi lil martu għaliha u għall-ulied minuri n-nofs ta' dak li hu jirċievi f' benefiċċji soċjali.*

Illi din il-Qorti kif presjeduta dejjem sostniet illi l-manteniment tal-ulied huwa obbligu assolut u mhux marbut mal-impjieg o meno tal-ġenituri. *"Din il-qorti tirrileva wkoll li l-obbligu għall-manteniment tal-ulied m'huwiex marbut bl-ebda mod mal-impjieg jew mal-introjtu tal-ġenituri iżda huwa obbligu assolut. Fil-każ odjern, jidher li l-intimat m'għandux impjieg u dwar dan hemm prova dokumentarja kif spjegat aktar 'il fuq, pero' dan ma jfissirx li legalment l-intimat jista' jaħrab mir-responsabbilitajiet tiegħu versu wliedu li fil-frattemp iridu jgħixu u jkomplu b'ħajjithom."*[45]

APPLIKAZZJONI TAL-PRINĊIPJI LEGALI GĦALL-KAŻ ODJERN

Il-Qorti tirrileva illi t-tkeċċija tal-attur mix-xogħol ma kinitx ħaġa ta' darba iżda kienet ġrat mill-inqas darba oħra, meta huwa safa mkeċċi mill-impjieg tiegħu ma Nash Limited fl-4 ta' Mejju 2000, fejn huwa ġie *dismissed on disciplinary grounds*.[46] Illi inoltre, minkejja illi l-Qorti m'hijiex edotta mid-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali, l-attur ma kkontestax dak illi qalet il-konvenuta u li qalet ukoll ir-rappreżentanta tal-Westin Dragonara Resort, illi huwa m'ingħatax raġun mit-Tribunal Industrijali.

Illi kif intqal, il-Qrati tagħna dejjem għamlu differenza bejn diżokkupazzjoni kolpuża, fejn il-parti tkun taħti għat-tkeċċija tagħha mill-impjieg, u diżokkupazzjoni li tiġi fuq il-persuna indipendentement mill-volonta tagħha, minħabba mard jew nuqqas ta' xogħol. Din il-Qorti stess, fil-kawża fl-ismijiet Reuben Spiteri vs. Ingrid Vella[47] tenniet: *"Illi fil-fehma tal-Qorti, l-Artiklu 21 tal-Kodiċi Ċivili, ġja ċċitat, mhuwiex intiż sabiex jissodisfa l-pika li tista' teżisti bejn il-ġenituri mifruda tal-ulied, iżda għandu jintuża f'każijiet serji fejn persuna li tkun tenuta obbligata tħallas manteniment, isir impossibbli għalih/a li tonora l-istess obbligi u dan għal raġunijiet* ***indipendenti*** *mill-volonta` tiegħu/tagħha."*

M'hemmx dubju li l-attur, fil-każ odjern safa, diżokkupat bi ħtija tiegħu u l-Qorti ma tistax ma tiddepplorax l-aġir tiegħu, li konsapevoli

---

[45] Dionisia sive Denise Cremona vs. Dennis Cremona, deċiża minn din il-Qorti fis-16 ta' Jannar 2014 (Rikors Ġuramentat: 440/08AL)

[46] Dan jirriżulta mill-*employment history* tal-attur ippreżentata minn Brenda Vella, rappreżentant tal-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ fis-seduta miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia fit-28 ta' Mejju 2012, fol. 73

[47] Deċiża minn din il-Qorti fit-28 ta' Frar 2017, Rikors Ġuramentat: 272/13AL

mill-fatt kemm kien diffiċli għalih li jsib ix-xogħol, in vista li huwa epileptiku, ma beżax għall-impjieg tiegħu u safa mkeċċi mhux darba, imma ossia darbtejn fuq passi dixxiplinari. Imissu qagħad ferm iktar attent u wera maturita` u responsabilita` ikbar biex ma jitlifx ħobżu, anke meta jaf bl-obbligi tiegħu ta' manteniment ta' martu u wliedu. Illi għaldaqstant kieku ċ-ċirkostanzi tal-każ kienu biss li l-attur safa mkeċċi u ma setax isib xogħol ġdid, il-Qorti ma kinitx tkun disposta li tnaqqas il-manteniment pagabbli mill-attur. Fil-fatt, sakemm l-attur kien ibati biss mill-kondizzjoni tal-epilepsija, huwa ma kienx eskluż milli jagħmel xogħol inqas riskjuż, bħalma huwa xogħol ta' wejter u fil-fatt il-konsulenti mediċi kienu wkoll ta' din il-fehma.

Imma l-istorja ma waqqfitx hemmhekk. Il-każ tal-attur ikkomplika ruħu meta huwa marad bid-dipressjoni fil-forma severa tagħha. Tant hu hekk li oltre li pprova jagħmel ħsara lilu nnifsu, huwa għamel perjodu ta' żmien konsiderevoli rikoverat fl-Isptar Monte Carmeli[48]. Iż-żewġ kondizzjonijiet tal-attur huma tali li ma jitfejqux imma bil-mediċinali appożiti wieħed jista' jikkontrollahom. B'din id-*dual diagnosis*, il-konsulenti kkonfermaw iktar minn darba illi l-attur tilef il-kapaċita li jaħdem bi qligħ. Inoltre, l-attur issodisfa lill-Bord Mediku li huwa inibit milli jaħdem b'konsegwenza tat-taħlita taż-żewġ kondizzjonijiet gravi li minnhom ibati, u għalhekk ġiet approvata favur tiegħu il-pensjoni tal-invalidita`.

Illi tenut kont ta' dawn iċ-ċirkostanzi fejn oltre l-epilepsija, l-attur beda jbati wkoll bd-dipressjoni, huwa veritier li r-rikorrenti m'għadux jista' jaħdem u tilef il-kapaċita' lavorattiva tiegħu bil-konsegwenza li l-introjtu tiegħu naqas sewwa – minn ċirka €820 fix-xahar għal ċirka €550 fix-xahar. Il-fatt li r-rikorrenti ma jistax jaħdem huwa kkonfermat b'mod oġġettiv mhux biss miċ-ċertifikati u mix-xiehda tat-tobba kuranti tar-rikorrenti, iżda wkoll mill-fatt li l-istess rikorrent ġie ddikjarat li huwa intitolat għal pensjoni tal-invalidita'. Il-Qorti tirrileva li din hija prova oġġettiva għaliex bord indipendenti, magħmul minn grupp ta' persuni, wkoll wasal għall-konklużjoni li r-rikorrent m'huwiex kapaċi jaħdem. Għalhekk, kwalunkwe forma ta' dubju li seta' kien hemm, dwar xi intenzjoni kapriċċuża da parti tar-rikorrenti biex ma jaħdimx, hija eliminata. Il-liġi tipprovdi li f'ċirkustanzi bħal dawn ikun hemm bdil fl-ordni tal-manteniment.

Dwar il-manteniment għall-konvenuta, il-Qorti tirrileva li din ukoll hija afflitta minn mard li konsegwenza tiegħu ma tistax taħdem bi qligħ.

[48] Oltre sena u tliet xhur

Hija qed tirċievi benefiċċji soċjali li jammontaw għall-inċirka ta' €550 kull xahar, oltre xi bonuses perjodiċi u ċ-*children's allowance*. L-attur jirċievi *piu` o meno* l-istess somma bħala pensjoni tal-invalidita`. Illi għalhekk tenut kont tal-bdil fiċ-ċirkostanzi u tal-fatt li f'dawn iċ-ċirkostanzi l-ġodda, l-partijiet għandhom bejn wieħed u l-ieħor l-istess introjtu, il-Qorti hija tal-fehma illi l-attur m'għandux jibqa' jivversa manteniment lill-konvenuta għaliha personali.

Illi pero`, dwar il-manteniment għall-minuri R, din il-Qorti kif presjeduta, dejjem sostniet illi l-manteniment tal-ulied huwa obbligu assolut u mhux marbut mal-impjieg o meno tal-ġenituri. Illi għaldaqstant, ma jkunx ġust illi l-piż finanzjarju għat-trobbija ta' R terfgħu biss il-konvenuta. Dan il-piż għandu jkun merfugħ miż-żewġ partijiet b'mod ugwali tenut kont li huma għandhom introjtu ugwali. Illi għaldaqstant, il-Qorti hija tal-fehma li ma tvarjax l-ammont li l-attur huwa obbligat iħallas għal ibnu R u cioe is-somma ta' €151.41 fix-xahar, oltre nofs l-ispejjeż tal-edukazzjoni u s-saħħa tal-istess minuri. Il-Qorti qiegħda tikkonsidra wkoll il-fatt li l-attur qatt, għajr darba, kemm ilhom il-partijiet mifrudin, m'onora l-obbligi tiegħu li jħallas nofs l-ispejjeż edukattivi u mediċi tal-istess minuri,. Illi għalhekk, il-Qorti, ser tawmenta l-ammont mensili mħallas mill-attur lill-konvenuta, rappreżentanti l-manteniment ta' R, għas-somma ta' mitejn Ewro (€200) fix-xahar, iżda li jkun jinkludi l-ispejjeż tas-saħħa u tal-edukazzjoni tiegħu.

Minkejja li l-artikolu tnejn (ii) tat-tieni parti tal-kuntratt tas-separazzjoni, jistipula li l-manteniment huwa pagabbli sakemm l-ulied jilħqu l-eta` ta' tmintax-il sena, dan il-ftehim ġie sorvolat bil-leġislazzjoni, partikolarment bl-applikazzjoni tal-Artikolu 2 tal-Avviż Legali XIV tas-sena 2011, fejn dana emenda l-artikolu 3B, billi speċifika illi ladarba l-ulied ikunu jistudjaw u jitħarrġu *full-time*, huma jibqgħu jiġu mantnuti mill-ġenituri tagħhom, sakemm jilħqu l-eta` ta' tlieta u għoxrin sena. Għaldaqstant bl-applikazzjoni tal-istess sub-inċiż, l-attur jibqa' jivversa lill-konvenuta l-manteniment għal binhom R, oltre l-għeluq tat-tmintax-il sena tiegħu, sakemm dana jibqa' jistudja/jitħarreġ *full-time* jew sakemm jilħaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin sena, skont liema tavvera ruħha l-ewwel.

Dwar is-sewqan meta jkun miegħu R, jidher illi f'dan l-istadju, u fuq il-parir tat-tobba kuranti tiegħu, l-attur lanqas għadu jsuq meta jkun waħdu. Fehem ir-riskju nvolut u għalhekk ma baqax isuq.  Illi għaldaqstat, il-Qorti ma tistax tilqa' t-talba tiegħu li tiġi varjata l-

klawżola li tirrigwarda s-sewqan mal-minuri. Ma jkunx fl-interess tal-minuri R li l-istess klawżola tkun varjata.

**<u>DEĊIDE</u>**

Għalhekk, għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

[1] Tilqa' l-ewwel talba attriċi;

[2] Tilqa' limitatament it-tieni talba, billi twaqqaf l-obbligu tal-attur illi jissomministra manteniment għal martu l-konvenuta iżda żżomm ferm l-obbligu tal-attur illi jissomministra manteniment għal ibnu R b'dana illi b'effett mill-preżenti, l-attur qiegħed jiġi ordnat jivversa lill-konvenuta s-somma ta' mitejn Ewro (€200) fix-xahar, rappreżentanti manteniment għal R li jkun jinkludi l-ispejjeż tas-saħħa u tal-edukazzjoni tiegħu. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 2 tal-Avviż Legali XIV tas-sena 2011, l-attur jibqa' jivversa lill-konvenuta dan il-manteniment għal binhom R, sakemm dana jibqa' jistudja/jitħarreġ *full-time* jew sakemm jilħaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin sena, skont liema tavvera ruħha l-ewwel.

[3] Tiċħad it-tielet talba;

[4] Tilqa' ir-raba' talba, u tinnomina lin-Nutar Dottor Rachel Mallia sabiex fi żmien xahar min-notifika taghha tal-preżenti sentenza, tippubblika l-att korrettorju relattiv, u tinnomina wkoll lill-Avukat Dottor Victor Bugeja u l-P.L. Veronica Rossignaud sabiex jirrappreżentaw lill-eventwali kontumaċi fuq il-kuntratt; In-notifika lin-nutar u lill-kuratur hawnhekk nominati ssir a spejjeż tal-attur;

Bl-ispejjeż, inkluż tal-att korrettorju, fiċ-ċirkostanzi, jiġu sopportati mill-attur.